**A.L. 331 tal-2011**

**ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)**

**Regolamenti ta' l-2011 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi(Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib għas-sena 2011)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l- Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-istaġun għall-Kaċċa u l-Insib għas-sena 2011). Titolu.

**2.** Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dak mogħti fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti ta' l-2006". Tifsir. A.L. 79 ta' l-2006

**3.** Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar taħt ir-regolament 10 (6)(t), (ii) u (iii) tar-Regolamenti ta' l-2006, il-Prim Ministru stabbilixxa:- Jiġi stabbilit l-istaġun.

(a) kaċċa minn fuq l-art għandha ssir bejn l-1 ta' Settembru 2011 u l-31 ta' Jannar 2012, bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u s-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00p.m.) fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi:

Iżda, kaċċa minn fuq l-art bejn il-15 ta' Settembru 2011 u t-30 ta' Settembru 2011, ma tistax issir mit-Tnejn sas-Sibt wara l-ħin tat-3.00 ta' wara nofsinhar (3.00pm);

(b) kaċċa minn fuq il-baħar għandha ssir bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u l-31 ta' Jannar 2012.

Applikabbilità għat-teħid u kaċċa fuq il-fenek selvaġġ.

**4.** Il-ħinijiet li japplikaw għat-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ bejn il-15 ta' Settembru 2011 u t-30 ta' Settembru 2011, għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-proviso tal-paragrafu (a) tar-regolamenti 3 ta' dawn ir-regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 331 of 2010**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

## Conservation of Wild Birds (Declaration of the periods for Hunting and Taking for 2011) Regulations, 2011

BY VIRTUE of the powers conferred by article 61 of the Environment and Development Planning Act, and in terms of the provisions of regulation 10(6)(t) of the Conservation of Wild Birds' Regulations, 2006, the Prime Minister has made the following regulations :–

Citation.

**1.** (1) The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Declaration of the periods for Hunting and Taking for 2010) Regulations, 2011.

Interpretation.

L.N. 79 of 2006.

**2.** Terms and expressions used in these regulations, unless the context otherwise requires, shall have the same meaning as given to them in the Conservation of Wild Birds Regulations, 2006, hereinafter referred to as the "2006 Regulations".

Establishing of periods.

**3.** For the purposes of establishing the period for the hunting and taking of wild birds under paragraphs (i), (ii) and (iii) of sub-regulation (6) of regulation 10 of the 2006 Regulations, the Prime Minister has established the following dates: -

(a) the hunting of birds on land shall be permitted between the 1st September 2011 and the 31st January 2012, betwen two hours before sunrise and two hours after sunset on any day between Monday and Saturday, and between two hours before sunrise and 1 o' clock in the afternoon (1.00 p.m) on Sundays and Public Holidays:

Provided that hunting on land between the 15th September 2011 and the 30th September 2011 shall not be permitted from Monday to Saturday after 3.00 pm and two hours before sunrise of the next following day.

(b) the hunting of birds at sea shall be permitted between the 1st October 2011 and the 31st January 2012.

Applicability of the taking and shooting of Wild Rabbit

**4.** The applicable times for the taking and shooting of wild rabbits between the 15th September 2011 and the 30th September 2011 shall be as established in the proviso to paragraph (a) of regulation 3 of these regulations.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.18